MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 180/2013

Kawza fil-lista: 14

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li jaqra bil-mod segwenti:-

1. “Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Novembru 1980 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal - Melanie, Leeann u Christian li illum huma ilkoll maggorenni.

2. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

3. Illi z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament ta' l-istess konvenut.

4. Illi minkejja li saru tentattivi, anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni, ma intlahaq ebda ftehim bonarju

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi ghal firda personali skond id-digriet markat dokument 'A'.

6. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqastant l-esponemi umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal- konvenut.

2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' 1-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal- Kapitolu 16 in toto jew in parte.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' 1-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida 1-istess komunjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra 1-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni."

Rat li l-konvenut, ghalkemm gie notifikat fit-28 ta' Ottubru 2013 baqa' ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-kumpless tal-provi mressqa jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenut minhabba l-vizzju tax-xorb tieghu kif ukoll minhabba atti vjolenti, sew morali kif ukoll fizici, fil-konfront tal-attrici u ta' l-ulied.

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega kif fl-isfond ta' din il-vjolenza u sokor il-konvenut kien sahansitra mar jghix ma' mara ohra.  L-attrici kienet hafritlu u accettatu lura fid-dar matrimonjali izda l-konvenut kompla bl-agir vjolenti tieghu u bil-vizzju tas-sokor. L-agir abbuziv u vjolenti tal-konvenut wassal lil ulied il-partijiet, li llum huma maggorenni u ma jabitawx fid-dar matrimonjali, milli jirrifjutaw li jmorru jzuru l-ommhom id-dar minhabba missierhom.

F'incident minnhom il-konvenut hebb ghall-attrici u xejrilha daqqa ta' ponn.  Huwa kien gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Magistrati, gie misjub hati u marbut b'garanzija taht l-Artikolu 383.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien spiss jhedded illi joqtol lill-attrici. Dan it-theddid kien isir mhux biss lill-attrici direttament izda wkoll kien jghidu lil terzi fosthom lil huh Alfred B. Irrizultaw ukoll diversi rapporti lill-Pulizija u lill-Agenzija Appogg mill-attrici dwar vjolenza domestika. Alfred B xhed illi f'Awissu 2013 il-konvenut waqt li kien fis-sakra qallu li ried joqtol lill-attrici.

Il-Qorti qed issib lill-konvenut hati li kisser iz-zwieg tal-partijiet minhabba eccessi, mohqrija, ingurji gravi u vjolenza domestika.

Assi tal-komunjoni ftit li xejn irrizulta li hemm. Id-dar matrimonjali, 23, Triq il-Farfett, Marsa, qeghda f'idejn il-partijiet b'titolu ta' kera. Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi din il-kirja ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attrici u l-konvenut qed jigi ordnat li jisgombra mid-dar matrimonjali tenut kont li kien il-konvenut li bl-agir illegali u abbuziv tieghu kisser iz-zwieg tal-partijiet.

Hemm zewg vetturi li l-attrici m'ghandha l-ebda pretensjoni dwarhom kif spjegat fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Dwar id-dejn li hemm mal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' circa €1,000.00 jirrizulta illi l-attrici gia' hallset minn beni parafernali taghha (wirt) is-somma ta' €1,335.00 akkont ta' dak dovut lil HSBC Bank Malta plc. Ghaldaqstant il-Qorti ser tordna li bejn il-partijiet, ghall-bilanc li fadal dovut lil HSBC Bank Malta plc ghandu jkun responsabbli l-konvenut wahdu. Ghalhekk huwa ser qed jigi kkundannat li jaghmel tajjeb u jikkumpensa lill-attrici fl-eventwalita' li tigi kostretta thallas il-bilanc jew parti minnu lill-bank.

Jirrizulta wkoll illi l-attrici bhala proprjetarja ta' fond li wirtet flimkien ma' ohrajn ippercepiet is-somma ta' €28,828.17 li minnhom hallset is-somma ta' €1,535.00 dejn li l-partijiet kellhom mal-Bank of Valletta plc., selfet is-somma ta' €6,500 lil bintha Melanie, investiet €10,004 f'bonds u fadlilha bilanc f'idejha ta' €8,187.28. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara illi dawn l-assi appena imsemmija huma proprjeta' parafernali tal-attrici u jappartjenu esklussivament lilha. L-istess hija l-ghamara tal-kamra tas-sodda li l-attrici kienet irceviet b'donazzjoni minghand il-genituri taghha.

L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment. Jirrizulta illi l-konvenut ghandu impieg b'salarju gross annwu ta' €8,859.00. L-attrici xhedet illi hija tmantni lilha nnifisha billi taghmel xoghol ta' tindif fid-djar. Tghid li peress li llum il-gurnata ghandha tnejn u hamsin sena huwa difficli hafna li ssib impieg.

Fic-cirkostanzi il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici, filwaqt li qed tikkundannah ihallas lill-attrici s-somma ta' mitt ewro (€100) kull erba' gimghat bhala manteniment tenut kont li l-attrici ghandha dhul mill-attivita' lavorativa taghha u tenut ukoll tal-eta' taghha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tippronunzja l-firda personali ta' bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut senjatament eccessi, mohqrija, ingurji gravi u vjolenza domestika.

2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' mitt ewro (€100) kull erba' gimgha li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Tillikwida l-istess billi tordna li l-effetti mobbli li hemm fid-dar matrimonjali jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici. Tordna li l-lokazzjoni tal-fond 23, Triq il-Farfett, Marsa, tigi assenjata

esklussivament lill-attrici u tordna lill-konvenut sabiex zmien xahar millum jivvaka minn dan il-fond.

5. Tiddikjara illi l-bilanc tad-dejn tal-komunjoni dovut lill-Bank of Valletta plc ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. B'hekk tordna illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici kwalunkwe ammont li millum 'il quddiem tista' tkun kostretta li thallas lill-Bank of Valletta plc in konnessjoni ma' dan id-dejn.

6. Tiddikjara illi l-attrici hi wahedha proprjetarja tas-somma ta' €6,500 li silfet lil bintha Melanie, l-investiment f'isimha ta' €10,004 f'bonds u bilanc ta' flus f'idejha fis-somma ta' €8,187.28. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara illi dawn l-assi appena imsemmija huma proprjeta' parafernali tal-attrici u jappartjenu esklussivament lilha. L-istess hija l-ghamra tal-kamra tas-sodda li l-attrici kienet irceviet b'donazzjoni minghand il-genituri taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------